**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Żejtun Città Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 01/25**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 7 ta' Jannar 2025 |
| **Ħin:** | 5:48pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |

**Preżenti**

Joan Agius - Sindku
Raymond Caruana - Viċi-Sindku (Mis-6:22hrs)
Enya Abela - Kunsilliera (Sat-8:20pm)
Christian Attard - Kunsillier
Anthony Aquilina - Kunsillier (Mill-5:58hrs)
Dorcas Camilleri - Kunsillier (Mill-5:58hrs)
Roderick Caruana - Kunsillier (Sat-7:42hrs)
Ivan Giardina - Kunsillier (Skużat)
Luke Doublet - Kunsillier
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

**01.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
**01.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**
**01.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**
**01.04** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**
**01.05** ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**
**01.06** **Ġnien Brejġu;**
**01.07** **Bust ta' Dun Anġ Seychell;**
**01.08** **Proġett Misraħ Santa Marija;**
**01.09** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**
**01.10** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**
**01.11** **Mozzjonijiet; u**
**01.12** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**01. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ittra ta' apoloġija mis-Sur Giardina minħabba mard. | Segretarju Eżekuttiv |

**01. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Attard<br>Sekondant: Abela | Il-Minuti 13/24 inqraw u ġew approvati nem.con mingħajr korrezzjonijiet. | |
| 01. 2 1 | 13.03.02 | Sindku | Is-Sindku qalet li għandha tiżdied Triq Anġlu Grima u lill-Ex Sindku ktibnilha risposta lura. | Sindku |
| 01. 2 2 | 13.05.01 | Sindku | Is-Sindku qalet li din hija Misraħ Mikiel Anton Vassalli. | Sindku |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**01. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 2 3 | 13.02.06 | Sindku: Ibins | Is-Sindku fakkret u qalet li sa laqgħa oħra trid tittieħed deċiżżjoni fejn dawn ser jitmexxew. | Caruana Roderick |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 2 | 4 | 13.02.07 | Camilleri: Christmas Market | Camilleri qalet li din l-attivita' kienet suċċess. Irringrazzjat lil dawk li taw daqqa t'id.<br>Hemm stedina fuq il-programm Bejnietna fuq Net TV fejn ser jitkellmu dwar il-proġett *Let's Talk Farming* li kien parti minn din l-attivita'. | Camilleri |
| 01. | 2 | 5 | 13.02.07 | Aquilina: Grupp Folkloristiku | Aquilina qal li kien iddiżappuntat peress li koperazzjoni mir-residenti minn fejn għaddew ma kinx hemm. | Aquilina. |
| 01. | 2 | 6 | 13.02.08 | Sindku: Monument fid-daħla taż-Żejtun | Is-Sindku qalet li reġgħet tkellmet mal-familjari u jidher li m'hemmx kunsens li dan il-bust jiċċaqlaq. Hemm il-ħsieb li miegħu jiċċaqalqu l-busti ta' Seychell u Baldacchino. | Sindku |
| 01. | 2 | 7 | 13.02.09 | Camilleri: School Grannies | Camilleri qalet li ser isiru l-interviews u naraw min għadu nteressat. Dawn ser ikunu fiż-żoni tal-Iskola Primarja u Sekondarja hekk kif jiġu magħżula. | Camilleri |
| 01. | 2 | 8 | 13.02.10 | Sindku: Triq il-Pres. Anton Buttigieg | Is-Sindku qalet li kien hemm laqgħa mas-Sur Cohen. Qed nistennew risposta dwar il-proposti mressqa mill-Kunsill. | Sindku |
| 01. | 2 | 9 | 13.02.11 | Aquilina: Kunċert tal-Milied | Aquilina qal li dan il-kunċert kien suċċess u l-format il-ġdid intlaqa' tajjeb ħafna. | Aquilina. |
| 01. | 2 | 10 | 13.02.13 | Sindku: Ħajt il-Wied | Is-Sindku qalet li l-gaffa tneħħiet u x-xogħol miexi. Ser issir laqgħa mal-WSC, s-Sur Cassar dwar ix-xogħolijiet. | Sindku |
| 01. | 2 | 11 | 13.02.14 | Sindku: Vjal Kulħadd | Is-Sindku qalet li x-xogħol fi Triq Ħaż Żabbar miexi sew u ser tiżdied korsija għall-miexi u rota matul din it-triq. | Sindku |
| 01. | 2 | 12 | 13.02.15 | Sindku: Triq il-Għadam | Is-Sindku qalet li t-tabelli huma ordnati. | Sindku |
| 01. | 2 | 13 | 13.02.16 | Sindku: Triq il-Kbira | Is-Sindku qalet li applikajna sabiex jinġieb permess biex jitwaħħlu l-bollards minħabba pparkjar ħażin. | Sindku |
| 01. | 2 | 14 | 13.02.17 | Sindku: Tiżjin tal-Milied | Is-Sindku qalet li m'aħniex sodisfatti bis-servizz li tagħna l-kuntrattur. Tkellimna miegħu u kien hemm qbil li nħallsu nofs il-prezz. Fuq proposta tal-Kunsill, il-każini huma nteressati sabiex jibdew jgħinu fit-tiżjin. Din l-idea ser tiġi diskussa ma' dawk kollha li jridu jgħinu. | Sindku |
| 01. | 2 | 15 | 13.02.18 | Sindku: Triq Bugħarbiel | Is-Sindku qalet li TM qed jistennew pjanta minn naħa tal-perit bit-*traffic management* propost. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01. | 2 | 16 | 13.02.19 | Sindku: Żjara fil-MICAS | Is-Sindku qalet li din ser tiġi posposta għal Jum il-Mara. | Sindku |
| 01. | 2 | 17 | 13.02.20 | Sindku: Party tal-Milied Kids Club | Is-Sindku qalet li dan sar u kien suċċess. | Sindku |
| 01. | 2 | 18 | 13.02.21 | Sindku: Ġurnata Għawdex | Is-Sindku qalet li din saret u kienet suċċess. | Sindku |
| 01. | 2 | 19 | 13.02.22 | Attard: Misraħ Ħal Tmin | Attard staqsa dwar meta ser jinxtgħel dan il-ġnien. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li baqa' titwaħħal il-kaxxa tad-dawl u wara jinxtgħel. | Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 2 | 20 | 13.02.23 | Sindku: Tilqima | Is-Sindku qalet li it-tilqima ingħatat u n-nies ħarġu sodissfatti. Dawk tal-Comcare tlaqqmu kollha wkoll. Kien hemm diskussjoni minn naħa ta' Abela fuq il-proċess kif sar. Is-Sindku spjegat li din saret kif kien maqbul mill-Kunsill preċedenti. | Sindku |
| 01. | 2 | 21 | 13.04.01 | Attard: Bus shelters | Attard qal li qed jitkellem mal-kuntrattur sabiex jinbidlu l-perspex. Għandha tintbagħat tfakkira lill-perit rigward il-bus stop fi Triq il-Qadi. Issemma l-fatt li l-puġġaman li qiegħed qrib dan il-bus stop ġie milqut f'inċident u dan issa jaqa' fir-responsabilta' tal-kunsill. | Attard |
| 01. | 2 | 22 | 13.04.02 | Attard: Bollards | Attard staqsa fiex wasslu dawn il-bollards fi Triq Toni Zahra kantuniera ma' San Klement. Ser tintbagħat tfakkira lill-TM pero diġa' applikajna għalihom. | |
| 01. | 2 | 23 | | Viċi-Sindku: Triq l-Aħħar Ħbit mit-Tork | Il-Viċi-Sindku qal li għandha tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lill-pulizija wara li tneħħew it-trailers ipparkjati ħażin f'din it-triq. | Viċi-Sindku |
| 01. | 2 | 24 | | Sindku: Pantomima | Is-Sindku qalet li din saret u kienet suċċess. Irringrazzjat lil dawk kollha li attendew. | Sindku |

**01 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML01/25. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 3 | 1 | | Sindku: Bibita Milied | Is-Sindku qalet li kien suċċess u kien hemm atmosfera sabiħa ħafna u ħadna gost. | |
| 01 | 3 | 2 | | Segretarju Eżekuttiv: Tipping Fees | Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li bħalissa l-invoices tat-tipping li jkopru nofs Settembru sa' Diċembru 2024 ma tħallsux minħabba li dawn qed jiġu kontestati u l-allokazzjoni spiċċat. Kien hemm qbil li dawn ma jitħallsux minn naħa tal-kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01 | 3 | 3 | | Sindku: Proġett Bellus | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara laqgħa li kellhom għadna qed nistennew l-approvazzjoni mill-bord tal-ERA sabiex il-€100,000 fondi allokati jgħaddu għand IM sabiex dawn iwettqu l-proġett sħiħ huma. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01 | 3 | 4 | | Sindku: Residential Parking | Is-Sindku qalet li kellmuha residenti ta' wara l-knisja fejn qed jitolbu parkeġġi riservati għar-residenti. Trid issir diskussjoni dwar dan qabel tittieħed deċiżżjoni dwar dan. | Sindku |
| 01 | 3 | 5 | | Sindku: Parkeġġ | Is-Sindku qalet li bħalissa għaddejien diskussjonijiet sabiex jibda jinfetaħ il-parkeġġ tal-Iskola Sekondarja matul il-lejl. | Sindku |
| 01 | 3 | 6 | | Sindku: Stedina ġewwa Celano | Is-Sindku qalet li wara li saret stedina, hi flimkien mal-Viċi-Sindku u s-Sur Aqulina marru Celano fejn assistew għat-tnehdija talktieb bl-istorja tan-nies minn Celano li qassmu lejn iż-Żejtun. Kien hemm suġġeriment li dan għandu jinqaleb għal ingliż u Malti. | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 01 3 7 | | Sindku: Kunsill tat-tfal | Is-Sinkdu qalet li kellha talba sabiex jitwaqqaf il-kunsill tat-tfal. Ser issir laqgħa mat-Trust Foundation għada. | Sindku / Camilleri |
| 01 3 8 | | Sindku: Leave Ħaddiema District Operation | Is-Sindku qalet li dis-sena ser tkun qed tara li lejn l-aħħar tas-sena ma jiġix akkumulat ħafna leave u jittieħed f'daqqa mill-ħaddiema. | Sindku |
| 01 3 9 | | Sindku: Manucca Child Day Care Centre | Is-Sindku qalet li bħalissa hemm post vaganti miftuħ sabiex isir impjieg ta'ħaddiema ġdida. | Sindku |
| 01 3 10 | | Sindku: Żejt iż-Żejtun | Is-Sindku qalet li d-deċiżżjoni ttieħdet u din ser issir is-Sibt, 25 u l-Ħadd, 26 t'Ottubru 2025. | Sindku |
| 01 3 11 | | Sindku: Kamera portabbli | Is-Sindku qalet li ġiet installata kamera u għandhom jitwaħħlu t-tabelli. | Sindku |

**01. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 4 1 | | Attard: Stedina | Attard qal li għandu stedina għall-premier tal-film mis-Sur Jean Claude Mallia għall-ħadd li ġej. | Attard |
| 01. 4 2 | | Attard: Ċelebrazzjoni Sport Malta | Attard qal li l-Ġimgħa li għaddiet kien hemm ċelebrazzjoni minn Sports Malta f'għeluq l-10 snin mit-twaqqif tagħhom. | Attard |
| 01. 4 3 | | Sindku | Is-Sindku irringrazzjat lis-Sur Attard li fin-nuqqas tagħhom kien Acting mayor u għamel biċċa xogħol tajba ħafna. | Attard |

**01. 5. Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 5 1 | | Attard: Bus Stop Vjal 25 ta' Novembru | Attard qal li dan il-bus stop ser ikun qed jitmexxa quddiem il-pompa b'approvazzjoni ta' TM. Il-bus stop eżistenti ma stabx u ser ikun qed isir rapport formali lill-pulizija dwar dan. | |
| 01. 5 2 | | Viċi-Sindku: Shelters għall-qtates | Il-Viċi-Sindku qal li hemm bżonn isiru shelters għall-qtates abbandunati. Dwar dan ser ikun qed jiġbor stimi u wara tiġi diskussa. | |

**01. 6. Ġnien Brejġu;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 6. 1 | | Sindku | Is-Sindku informat lill-Kunsill li x-xogħol ser jibda fil-bidu ta' Frar. | Sindku |

**01. 7. *Bust ta' Dun Anġ Seychell;***

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01 7 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li tkellmet mal-familjari u ħadu gost ħafna. Il-Kunsill ser ikun qed jieħu ħsieb il-loġistika u permessi u l-ispejjeż ser ikunu qed jitħallsu mill-ministeru tal-Kultura. | |

**01. 8. Proġett Misraħ Santa Marija;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 8. 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li l-PA approvat il-permessi u ser issir spjegazzjoni tal-proġett lir-residenti qabel jibda x-xogħol. | |

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| **01. 9.** | | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** | | |
| 01. 9. 1 | | Aquilina: Karnival 2025 | Aquilina qal li ġew approvati €5000 bħala fondi. Qal li dawn mhumiex biżżejjed. L-attivita' ser issir l-Erbgħa, 26 ta' Frar 2025. Iktar dettalji 'l quddiem. | Aquilina |
| 01. 9. 2 | | Aquilina: Ġieh iż-Żejtun | Aquilina qal li fis-17 ta' Frar jagħlqu l-applikazzjonijiet u dakinhar tittieħed id-deċiżżjoni min għandu jingħata dan it-titlu u rikonoxximenti oħra. | Aquilina |
| 01. 9. 3 | | Sindku: Laqgħa Pubbika | Is-Sindku qalet li din ser issir it-Tnejn, 17 ta' Frar 2025 fil-5:30pm. | Sindku |

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| **01. 10.** | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** | | |
| 01. 10. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 01/25 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01. 10. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 01/25 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01. 10. 3 | | *Petty Cash* - Diċembru 2025 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Diċembru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €232.05 | Segretarju Eżekuttiv |

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| **01 11** | | **Mozzjonijiet; u** | | |
| 01. 11 1 | | Attard: Vjal 25 ta' Novembru | Attard ressaq quddiem il-kunsill mozzjoni ssekondata mis-Sindku sabiex IM tkun qed tagħmel tisbiħ billi jsir grazz concrete path u jissebbaħ bid-dawl. Kien hemm diskussjoni dwar dan u qbil unanimu dwar dan. Aquilina żied li fid-daħla għandu jerġa jsir il-billboard u l-monument kif kien. | |

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| **01 12** | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-8:50pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 17 ta' Frar 2025 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fl-4:00pm.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Joan Agius | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |